16 ta' Gunju, 1955

Imhallef;
Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Carmelo Barbara *versus* Emmanuele Schembri

## Kuntratt — Nullità — Impunjazzjoni — Qerq — Żball — Art. 1024 u 1019 tal-Kodiċi Ċivili

*L-għemil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim jekk l-ingann magħmul minn waħda mill-partijiet ikun tali illi mingħajru l-parti l-oħra ma kienetx tikkuntratta. Dan ifisser illi r-raġġiri adoperati għandhom ikunu mhux biss frawdolenti, kapaċi li jagħtu lill-parti l-oħra tifhem ħaġa minflok oħra, imma jridu jkunu gravi u determinanti: b'mod illi dik il-parti li tkun sofriet dawk ir-raġġiri ma kienetx tasal għal dak il-ftehim kieku ma kienux dawk ir-raġġiri.*

*L-għemil doluż ma jistax jiġi preżunt, imma jrid jiġi pruvat; u l-onore tal-prova jinkombi lil min jallega l-qerq.*

*L-iżball ma jġibx għan-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza, innifisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-kuntratt. Il-kriterju li bih għandha tkun interpretata l-kelma "sustanza" hu interament soġġettiv, fis-sens li l-interpreti għandu jħares lejn il-mod kif il-kwalità tal-ħaġa, oġġett tal-iżball, tkun ġiet valutata mill-parti li tkun waqgħet fl-iżball.*

*U anki hawn il-prova relattiva tinkombi lil min jallega l-iżball. U f'każ ta' dubju, dan għandu jmur favur il-parti l-oħra, in vista tal-preżunzjoni tal-istabbilità tal-kuntratti.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessa kwalunkwe dikjarazzjoni meħtieġa u mogħti kwalunkwe provvediment relattiv, billi, kif ikun pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-attur addivjena u ffirma l-iskrittura privata, fit-28 ta' Mejju, 1953, li kopja tagħha tinsab hawn unita (dok. A), bi żball fis-sens tad-dispożizzjonijiet ta' l-art. 1019(1) tal-Kodiċi Ċivili jew in konsegwenza tal-qerq

adoperat miċ-ċitat fis-sens tad-dispożizzjonijiet ta' l-art. 1024(1) ta' l-istess Kodiċi; talab li tiġi dikjarata minn dina l-Onorabbli Qorti nulla u bla effett l-istess skrittura għall-motivi fuq indikati jew għal kwalunkwe ieħor valevoli fil liġi. Bl-ispejjeż, u salva lill-attur kwalunkwe azzjoni lilu kompetenti għad-danni minnu sofferti in konsegwenza tal-qerq fuq imsemmi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni, l-attur qiegħed jibbaża l-impunjattiva tiegħu fuq l-artikoli 1019 u 1024 tal-Kodiċi Ċivili, billi jippretendi illi l-iskrittura privata konkluża bejn il-partijiet kontendenti fit-28 ta' Mejju, 1953, kienet l-effett ta' żball jew ta' qerq;

Illi skond l-art. 1024, "l-għemil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kienetx tikkuntratta"; jiġifieri, ir-raġġiri għandhom ikunu mhux biss frawdolenti, kapaċi li jagħtu lill-parti l-oħra tifhem ħaġa flok oħra, imma jridu jkunu gravi u determinanti ("causam dans contractui"); b'mod illi dik il-parti li tkun sofriet dawk ir-raġġiri ma kienetx tasal għal dak il-ftehim kieku ma kienx hemm dawk ir-raġġiri. Għalhekk l-għemil doluż ma jistax, skond il-liġi, jiġi preżunt, imma għandu jiġi pruvat; u l-onere tal-prova jmiss lil min jallega l-qerq, u fil-każ tagħna lill-attur;

Illi l-Qorti, wara li eżaminat bl-attenzjoni l-provi prodotti, hija tal-fehma illi l-attur ma wasalx biex jipprova illi l-konvenut uża raġġiri; u wisq anqas frawdolenti, u li kienu dawk ir-raġġiri li nduċewħ jikkonkludi l-ftehim impunjat;

Illi fit-tieni lok l-attur jippretendi illi dak il-ftehim huwa null għaliex kien l-effett ta' żball dwar il-fatt ("errore di fatto"). Skond l-art. 1019, dan l-iżball "ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nnifisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-kuntratt". Non ostanti d-diverġenzi li hemm fid-dottrina, hija aktar sana l-opinjoni illi l-kriterju li bih għandha tiġi nterpretata l-kelma "sustanza" huwa interament soġġettiv, fis-sens li l-interpreti għandu jħares

lejn il-mod kif il-kwalità tal-ħaġa, oġġett ta' l-iżball, tkun ġiet valutata mill-parti li tkun waqgħet fl-iżball. F'dan is-sens hija l-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna (ara Kollez. *XXIV-I-1131, u XXIX-I-591). U anki hawn il-prova relat*tiva tinkombi lil min jallega l-iżball, jiġifieri lill-attur;

Illi l-attur jippretendi illi l-iżball jikkonsisti filli l-konvenut qallu li l-fond in kwistjoni *kien suġġett għaċ-ċens ta'* £14 fis-sena, mentri dana ma kienx ċens, imma subċens. Mill-provi rriżulta li l-attur kien ġie, waqt it-trattattivi, infurmat mill-konvenut illi l-art kien ħadha ċens mingħand *ħaddieħor, li kien iħallas iċ-ċens lil persuna oħra. Dina ċ-*ċirkustanza hekk importanti, deposta mill-konvenut, ma ġietx bl-ebda mod kontradetta mill-attur, li anzi lanqas ħass in-neċessità *li jagħti x-xhieda fi kwistjoni fejn* l-element soġġettiv jista' jkollu importanza deċiżiva. F'dina ċ-ċirkustanza, imbagħad, il-konvenut jinsab korroborat mix-xhud *Nutar Dottor Paul Pullicino, li ġie mqabbad jirrediġi l-*iskrittura "de qua" mill-istess attur, u li *assikura illi, la*darba huwa kien niżżel il-kelma "subċens", il-partijiet kienu qalulu li l-fond kien suġġett għaċ-ċens lejn ħaddieħor;

*Illi,* apparti *l-imsemmija prova, li teskludi fl-attur il-*possibbiltà ta' żball, ta' min jinnota illi huwa żgur kien jaf illi l-art kienet sejra tkun suġġetta għall-ħlas ta' £14 fis-sena. Issa, huwa ma ġieb ebda prova li resaq għall-ftehim unikament għaliex ħaseb li dak il-ħlas kien dovut lill-padrun dirett bħala sid iċ-ċens oriġinali, u wisq anqas ip-prova illi, kienu kien jaf li dak il-ħlas ma kienx ċens, imma subċens, ma kien qatt jasal għall-ftehim. La dina l-prova *ma saretx, il-pretensjoni ta'* l-attur ġuridikament hija insostenibbli;

Illi, anki kieku mill-provi miġjuba jista' jinħoloq dubju, dana għandu jmur favur il-konvenut, in vista tal-preżunzjoni ta' l-istabbilità tal-kuntratti;

*Għal dawn il-*motivi;

*Tiċħad it-talba ta' l-attur; bl-ispejjeż.*